**MINUTI**

**KUMITAT AMMINSTRATTIV TAL-MADLIENA**

**SEDUTA NUMRU 1 SARET NHAR**
**L-ERBGĦA 6 TA' AWWISUU 2014 FL-5PM.**

**PREŻENTI:**

Is-Sinjuri

| | |
|---|---|
| Mary Anne Abela | Chairperson |
| Simon Stilon | Viċi Chairperson |
| Asha Caroline Caruana | Membru |
| Teresa Valentino | Membru |
| Godfrey Leone Ganado | Membru |

Għal din il-laqgħa kien preżenti wkoll il-Viċi Sindku, Dr. Justin Fenech.

**TALBA**

Il-Chairperson qalet t-talba.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-Minuti ta' l-ewwel seduta ġew approvati. Ic-Chairperson ipproponiet u l-Vici Chairperson issekonda.

## II PROĠETT PILOTA – TARMAK TAT-TOROQ FIL-MADLIENA

Ic-Chairperson spjegat fid-dettal dan il-proġett u f'liema stadju wasal. Il-Viċi Sindku spjega d-diffikultajiet li l-Kunsill kellu mal-kuntrattur responsabli . Huwa nforma li nhar it-Tnejn 11 ta' Awwissu 2014 se ssir laqgħa mal-kuntarttur fejn se jiġi ffirmat kuntratt ġdid fejn se jiġi stabiliti b'mod ċar id-dati ta' meta se jitlestew ix-xogħijiet pendenti.

Rigwad Triq l-Inginier, il-Kumitat gie infurmat li l-WSC dal-waqt se johprgu Letter of Acceptance ghal dawn ix-xoghlijiet.

## III KOMMUNIKAZZJONI MILL-MEMBRI

<u>Mic-Chairperson</u>

1. Hija nfurmat li attendew diversi residenti għall-quddiesa li saret nhar it-Tlieta 22 ta'Lulju 2014 fil-kapella tal-Madliena f' ġieħ il-patruna ta' l-istess kapella. Għal din l-okkażżjoni hija ppreżenta xi kontijiet li se jitħallsu mill-fondi allokati tal-Madliena. Hija nfurmat li kellha diversi rikjesti minnghand residenti prezenti ghal aktar bankijiet fil-kappella. Hi ssuġeriet sabiex jekk hu possibi jinstabu xi *sponsors*.

   Il-Kumitat ġie nfurmat wkoll li se ssir quddiesa oħra nhar il-Ħamis 14 ta' Awwissu 2014 fis-7.30pm u oħra nhar il-Gimgħa 12 ta' Settembru fl-istess ħin. Hija ħeġġet lil dawk preżenti sabiex jattendu.

2. Rigward it-tour madwar Madliena Fort, hija nfurmat li dan huwa pjanat li ssir aktar tard din is-sena lejn Ottubru, meta jkun beda jiffriska ftit it-temp sabiex jkun hemm aktar attendenza. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3. Ic-Chairperson irreferiet għall-proġett tal-Heritage Walk. Wara diskuzzjoni, il-Membru G. Leone Ganado enfasizza biex qabel mal-Kumitat jidħol għal dan il-commitment, jkun ċert li l-manutenzjoni ta' dan il-proġett ma tkunx ta' piż fuq il-fondi tal-Kumitat.

| | |
|---|---|
| Hugh Zammit | Mary Anne Abela |
| Segretarju Eżekuttiv | Chairperson |

## III KOMMUNIKAZZJONI MILL-MEMBRI – ikomplu

Mill-Viċi Chairperson

1. Il-Viċi Chairperson staqsa jekk kien hemm xi żvillupi rigward Triq St. Katerina/ Triq is-Sebħ sabiex din issir one-way. Ic-Chairperson nfurmat li s-Sindku kien infurmaha li qed jagħmel kuntatti ma' uffiċċjali tat- Transport Malta.

2. Huwa staqsa għall-possibilta' ta' traffic calmer fi Triq il-Perkursur peress li xi sewwieqa rresponsabbli qed jgħaddu b' veloċita qawwija. Wara diskuzzjoni, il-Kumitat ikonkluda li din il-proposta għandha tiġi diskussa mat-Transport Malta fil-laqg]a li jmiss.

Mill-Membru T. Valentino

1. Il-Membru staqsiet jekk iż-żona tal-Madliena hux se tkun inkluża fir-rotot il-ġodda tat-transport pubbliku. Hija ġiet nfurmata li skond l-aħħar informazzjoni, din iż-żona se tkun inkluda fir-riforma l-ġdida.

Mill-Membru G. Leone Ganado

1. Il-Membru talab sabiex titranga mera fi Triq il-Madliena. Is-Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jinforma lill-haddiem tal-Kunsill.

Mill-Membru A.C. Caruana

1. Il-Membru nfurmat li diversi residenti qed jilmentaw li ta' spiss qed jkun hemm ħafna storbju fil-propjetajiet li jinkrew għal ftit żmien fi Triq Żejni. Għaldaqstant hija ssuġeriet sabiex jitwaħħlu tabelli fejn jindikaw b'mod ċar li jrid jinżamm il-kwiet f'dik iż-żona. Is-Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jordnaw dawn is-sinjali.

2. Hija rrapurta abbuz ta' sewqa eccessiv fi Triq il-Pedidalwett u Triq il-Perkursur. Wara diskuzzjoni sar qbil li f' dawn iz-zewg toroq jsiru *Slow Signs*. Is-Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jordnaw dawn is-sinjali.

Din il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm u
sar aġġornament għal nhar il-Gimgha 12 ta' Settembru 2014 fil-5pm.

Hugh Zammit
Segretarju Eżekuttiv

Mary Anne Abela
Chairperson